TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Michael Cutajar

vs

Europa Tours Limited

CCT 124/2019

29 ta' Jannar 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fil-11 ta' Settembru 2019 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mitt Euro, danni u kumpens ghal nuqqaasijiet ghal mawra lejn Toscana fl-Ghid tat-2019, organizzata mis-socjeta' intimata.

Ra li s-socjeta' intimata giet debitament notifikata izda ma dahlet l-ebda risposta u hadd mis-socjeta' ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti u d-dokument kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent Michael Cutajar xehed illi huwa bbukja *tour* fit-Toscana fl-Ghid tat-2019. Jidher illi m'ghandux ilment b'mod generali ghal dan it-*tour* u qed jilmenta biss dwar il-ftit hin li kien hemm disponibbli ghal visti f'centri storici jew ta' importanza. Filwaqt illi zaru l-postijiet reklamati fil-*brochure* ma kien hemm l-ebda hin disponibbli sabiex japprezzaw dak illi marru biex jaraw. Ir-rikorrent ippretenda illi darba jkunu f'dawn ic-centri jkun hemm xi hadd sabiex jispjegalhom dak li kienu qeghdin jaraw u li meta kien hemm, ma kienx hemm hin bizzejjed biex japprezzaw dawn is-siti storici. Xehed ukoll illi t-*tour* kien ta tmien tijiem u hallas b'kollox €915.00 li kien jinkludi it-titijira, l-lukanda, u l-*excursions*.

Xehedet ukoll Censina Mizzi, li kienet fuq it-*tour* mieghu u li qalet illi t-*tour* kien differenti hafna minn dak li kien hemm fil-*brochure*. Fil-verita' kien hemm hafna hela ta' hin. Gabet bhala ezempju il-mawra f'Santa Margerita, fejn hemmhekk kielu biss pero' ma kienx hemm hin biex jaraw il-katidral u siti storici ohra. Semmiet incident fejn ir-ragel taghha avza lil *tour leader* illi kien hemm koppja nieqsa, pero' dan tal-ahhar ma tax kaz u qalilhom li ha

jara meta jkunu fuq il-*coach*. Xehdet li kien nuqqas generali ta' organizazzjoni u kienu qed jigu imwarrba. It-*tours* ma kienux organizzati tajbin, kien hemm hela ta' hin u anke ilmentat il-ghaliex ma haduhomx jaraw ix-xena ta' Toscana, kif kien reklamat fil-*brochure*.

Ikkunsdra

Illi min-naha l-ohra, it-Tribunal m'ghandux il-versjoni tas-socjeta' intimata li ghalkemm debitament notifikata ma pprezentat l-ebda risposta u injorat ghal kollox dawn il-proceduri. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, li wara kollox hi gustifikata. Mhuwiex qed jitlob ammont kbir ta' kumpens u dak li qed jitlob huwa ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' mitt Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru